SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

3 ta' Ottubru 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 3(1) – Terminu ta' preskrizzjoni – Regolamenti (KEE) Nru 3887/92 u (KE) Nru 2419/2001 – Sistema integrata ta' ġestjoni u ta' kontroll relatata ma' ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità – Irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament – Applikazzjoni tar-regola ta' preskrizzjoni l-inqas severa"

Fil-Kawża C-378/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Mejju 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Ġunju 2018, fil-proċedura

Landwirtschaftskammer Niedersachsen

vs

Reinhard Westphal,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn F. Biltgen (Relatur), President tal-Awla, J. Malenovský u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal-Landwirtschaftskammer Niedersachsen, minn P. Averbeck, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Hofstötter u D. Triantafyllou, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2019,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni, minn naħa, tal-Artikolu 49(5) u (6), kif ukoll tal-Artikolu 52a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2419/2001 tal-11 ta' Diċembru 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-amministrazzjoni integrata u s-sistema ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3508/92 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 34, p. 308), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2004 tat-23 ta' Jannar 2004 (ĠU 2004, L 17, p. 7) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 2419/2001"), u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 2(2), kif ukoll tal-Artikolu 3(1), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Reinhard Westphal u l-Landwirtschaftskammer Niedersachsen (il-Kamra tal-Agrikoltura ta' Niedersachsen, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem il-"Kamra tal-Agrikoltura"), dwar talba għall-irkupru ta' ħlasijiet skont is-superfiċji miksuba fil-kuntest ta' skema ta' għajnuna lill-produtturi ta' ċerta art li tinħarat.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 3887/92 u Nru 2419/2001

3 L-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3887/92 tat-23 ta' Diċembru 1992 dwar il-modalitajiet tal-applikazzjoni tas-sistema integrata ta' ġestjoni u ta' kontroll relatat ma' ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità (ĠU 1992, L 391, p. 36), kien jipprovdi għal tnaqqis differenti tal-ammont tal-għajnuna mogħtija meta kien jiġi kkonstatat li s-superfiċji ddikjarata kienet taqbeż is-superfiċji effettivament iddeterminata. B'hekk, fil-każ fejn l-eċċess ikkonstatat kien ta' iktar minn 20 % tas-superfiċji ddeterminata, ebda għajnuna marbuta mas-superfiċji ma kienet tingħata.

4 L-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament kien jistabbilixxi r-regoli applikabbli fil-każ ta' ħlas indebitu, iżda ma kien jinkludi ebda regola ta' preskrizzjoni applikabbli għar-rimbors tal-ammonti inkwistjoni.

5 Ir-Regolament Nru 3887/92 tħassar b'effett mit-12 ta' Diċembru 2001 bir-Regolament Nru 2419/2001.

6 Il-miżuri previsti fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 3887/92 ġew riprodotti, essenzjalment, fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament Nru 2419/2001.

7 L-Artikolu 49 tar-Regolament Nru 2419/2001 introduċa regoli ta' preskrizzjoni f'dak li jirrigwarda r-rimbors tal-ammonti inkwistjoni f'każ ta' ħlas indebitu, fit-termini segwenti:

"1. Jekk ħlas mhux dovut huwa magħmul, il-bidwi għandu jħallas mill-ġdid l-ammont in kwistjoni flimkien ma' l-interess ikkalkulat f'konformità ma' paragrafu 3.

[…]

5. L-obbligu għall-ħlas mill-ġdid imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk għadda il-perjodu bejn id-data tal-ħlas ta' l-għajnuna u dik ta' l-ewwel notifikazzjoni lill-benefiċjarju mill-awtorità kompetenti li tikkonċerna n-natura mhux dovuta tal-ħlas konċernat huwa iktar minn għaxar snin.

Iżda, l-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun limitat għal erba' snin jekk il-benefiċjarju aġixxa *in bona fede*.

6. Ammonti li għandhom ikunu rkuprati bħala konsegwenza ta' l-applikazzjoni ta' tnaqqis u esklużjonijiet ma' l-Artikolu 13 u Titolu IV għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin.

[…]"

8 L-Artikolu 52a ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"B'deroga mill-Artikolu 54(2) u mingħajr preġudizzju għar-regoli aktar favorevoli dwar perjodi ta' limitazzjoni stabbiliti mill-Istati Membri, l-Artikolu 49(5) għandu japplika wkoll għall-applikazzjonijiet relattivi mas-snin ta' marketing u perjodi ta' premium li bdew qabel l-1 ta' Jannar 2002, kemm il-darba il-benefikant ġie nnotifikat mill-awtoritajiet kompetenti dwar in-natura mhux assenjata tal-pagament konċernat qabel l-1 ta' Frar 2004."

9 L-Artikolu 54 tal-imsemmi regolament, intitolat, "Dħul fis-seħħ", jistabbilixxi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Għandu japplika għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna li jirrigwardaw s-snin ta' marketing jew perjodi ta' premiums li jibdew fl-1 ta' Jannar ta' l-2002.

[…]"

Ir-Regolament Nru 2988/95

10 Skont it-tielet premessa tar-Regolament Nru 2988/95, "atti li huma ta' ħsara għall-interessi finanzjarji [tal-Unjoni Ewropea] għandhom […] jiġu ribattuti fl-oqsma kollha".

11 L-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 2988/95 kien ifformulat kif ġej:

"Sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-[Unjoni] Ewropea, qegħdin hawnhekk jiġu adottati regoli ġenerali fir-rigward ta' verifiki omoġenji u miżuri amministrattivi u penali li għandhom x'jaqsmu ma' l-irregolaritajiet fir-rigward [tad-dritt tal-Unjoni]."

12 L-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 2988/95 kien jipprovdi:

"Ebda penali amministrattiva ma tista' tiġi imposta ħlief jekk att tal-[Unjoni] qabel l-irregolarità jkun ipprovda għaliha. Fil-każ ta' emenda sussegwenti tad-dispożizzjonijiet li jimponu penali amministrattivi u li jinsabu fir-regoli tal-[Unjoni], id-dispożizzjonijiet l-anqas ħorox għandhom japplikaw b'mod retroattiv."

13 L-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 kien jipprovdi:

"Il-perjodu tal-limitazzjoni għall-proċeduri għandu jkun ta' erba' snin minn meta l-irregolarità li ssir msemmija f'Artikolu 1(1) tkun ġiet kommessa.

F'każ ta' irregolaritajiet kontinwi jew ripetuti, it-terminu tal-limitazjoni għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih tieqaf l-irregolarità. Fil-każ tal-programmi multiannwi, it-terminu tal-limitazzjoni għandu f'kull każ jibqa' jiddekorri sakemm il-programm jitwaqqaf definittivament.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14 R. Westphal, bidwi, fil-bidu tas-snin 2000 u 2001 ressaq talba, abbażi tas-snin tal-bejgħ relatati ma' dawn is-sentejn, talbiet ta' għajnuna lill-produtturi ta' ċertu raba' li jinħarat.

15 Il-kamra tal-agrikoltura tat din l-għajnuna u l-ħlasijiet korrispondenti saru matul l-imsemmija snin.

16 Waqt kontroll li sar fuq il-post matul ix-xahar ta' Jannar 2006, ġew ikkonstatati xi irregolaritajiet fid-data relatata mal-art imserrħa. Wara li semgħet lil R.Westphal, il-Kamra tal-Agrikoltura adottat, fit-23 ta' Lulju 2007, deċiżjoni li tiddikjara n-nullità parzjali tad-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni relatati mas-sentejn inkwistjoni u li tordna r-rimbors tal-ammont imħallas żejjed. L-ammont ta' dan ir-rimbors ġie kkalkolat skont is-sanzjoni applikabbli f'każ ta' dikjarazzjoni ikbar tal-art imserrħa, li tikkonsisti f'li jiġi kkunsidrat li ma kellha tingħata ebda għajnuna.

17 R. Westphal ippreżenta appell kontra din id-deċiżjoni. Il-qorti tal-appell annullat id-deċiżjoni tal-Kamra tal-Agrikoltura tat-23 ta' Lulju 2007 sa fejn kienet tirrigwarda l-ammont li kellu jiġi rrimborsat abbażi ta' din is-sanzjoni. Filwaqt li rrikonoxxiet li din is-sanzjoni kienet iġġustifikata b'applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 3887/92, din il-qorti qieset li, abbażi tal-prinċipju tal-applikazzjoni retroattiva tal-liġi repressiva l-inqas ħarxa, kif stabbilit fit-tieni sentenza tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 2988/95, ir-regoli ta' preskrizzjoni previsti fl-Artikolu 49(5) u (6) tar-Regolament Nru 2419/2001 kienu applikabbli.

18 Minn dan hija ddeduċiet li s-sanzjoni imposta kienet preskritta, peress li kienu għaddew iktar minn erba' snin bejn id-data tal-ħlas ikkonċernat u d-data meta l-applikant kien ġie informat li l-għajnuna kienet mogħtija indebitament. L-applikazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni previsti fl-Artikolu 49 tar-Regolament Nru 2419/2001 kienu għalhekk ippermettew li jintlaħaq riżultat inqas aħrax minn dak li rriżulta mir-regola normalment applikabbli, jiġifieri l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95. Fil-fatt, skont din l-aħħar dispożizzjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri biss mid-data meta ntemmet l-irregolarità fl-2004, b'tali mod li s-sanzjoni ma kinitx ġiet preskritta fid-data meta l-applikant sar jaf bl-eżistenza tan-natura irregolari tal-applikazzjonijiet tiegħu.

19 Il-Kamra tal-Agrikoltura ppreżentat appell għal reviżjoni kontra d-deċiżjoni tal-qorti tal-appell.

20 Il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), qorti tar-rinviju, tirreleva li l-qorti tal-appell interpretat il-paragrafu 6 tal-Artikolu 49 tar-Regolament Nru 2419/2001 fis-sens li jikkompleta l-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu u li l-modalitajiet ta' applikazzjoni previsti minn dan l-aħħar paragrafu, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-punt ta' tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni, huma applikabbli għalih ukoll

21 Madankollu, sa fejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2988/95 għandhom portata intersettorjali u fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 49(6) tar-Regolament Nru 2419/2001 ma jinkludi ebda preċiżazzjoni rigward il-punt ta' tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk hemmx lok, f'dan ir-rigward, li jiġi applikat l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95.

22 Fl-ipoteżi fejn dan l-Artikolu 3(1) ma japplikax, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-regoli ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ humiex dispożizzjonijiet dwar sanzjonijiet amministrattivi, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 2988/95, li jistgħu jiġu suġġetti għall-prinċipju tal-applikazzjoni retroattiva tal-liġi repressiva l-inqas ħarxa. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra, minn naħa, li l-prinċipju tal-applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali l-inqas ħarxa jikkonċerna biss l-emendi tad-dritt rigward il-mertu, bl-esklużjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni. Min-naħa l-oħra, peress li dan il-prinċipju huwa bbażat fuq kunsiderazzjonijiet ta' ekwità, għandu jiġi ammess li, billi adotta regola ta' preskrizzjoni inqas ħarxa, il-leġiżlatur neċessarjament għamel evalwazzjoni mill-ġdid u li allura ma għandhiex issir differenzazzjoni *ratione temporis* rigward l-applikabbiltà ta' din ir-regola.

23 F'każ ta' risposta negattiva, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 52a tar-Regolament Nru 2419/2001, li jipprevedi l-applikazzjoni retroattiva tar-regola ta' preskrizzjoni tal-Artikolu 49(5) ta' dan ir-regolament jista' japplika b'analoġija għall-Artikolu 49(6) ta' dan. Skont il-qorti tar-rinviju, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 52a tar-Regolament Nru 2419/2001 jirriżulta li ma hijiex meħtieġa regola speċifika għall-applikazzjoni tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament Nru 2419/2001 u li t-tieni sentenza tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 2988/95 jiggarantixxi l-koerenza tas-sistema. Madankollu, jekk dan ma jkunx il-każ, il-lakuna ġuridika li ssegwi għandha timtela b'raġunament b'analoġija.

24 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiema u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi segwenti:

"1) It-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament Nru 2419/2001 (1) jibda jiddekorri mid-data tal-pagament tal-għajnuna jew huwa rregolat mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, jiġifieri, f'dan il-każ, mill-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament?

2) Ir-regoli ta' preskrizzjoni stabbiliti fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament Nru 2419/2001 jew fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 huma dispożizzjonijiet li jirrigwardaw sanzjonijiet amministrattivi fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 2988/95?

3) L-Artikolu 52a tar-Regolament Nru 2419/2001, li jipprevedi l-applikazzjoni retroattiva tar-regola ta' preskrizzjoni tal-Artikolu 49(5) tal-imsemmi regolament jista' wkoll japplika b'analoġija għall-Artikolu 49(6) tal-imsemmi regolament?

Fil-każ li l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 tkun applikabbli (l-ewwel domanda), ma hemmx lok li tingħata risposta għad-domandi l-oħra; jekk din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli, għandu jitqies, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, li t-tielet domanda hija bla skop."

Fuq l-ewwel domanda

25 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49(6) tar-Regolament Nru 2419/2001, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-punt ta' tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni li jipprevedi huwa identiku għal dak li huwa stabbilit fl-Artikolu 49(5) ta' dan ir-regolament, jiġifieri li jikkorrispondi għad-data tal-ħlas tal-għajnuna, jew jekk għandux jiġi stabbilit skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 mid-data meta tkun intemmet l-irregolarità.

26 Preliminarjament, għandu jitfakkar li r-Regolament Nru 2988/95 jintroduċi, konformement mal-Artikolu 1 tiegħu, "regoli ġenerali fir-rigward ta' verifiki omoġenji u miżuri amministrattivi u penali li għandhom x'jaqsmu ma' l-irregolaritajiet fir-rigward tal-liġi tal-[Unjoni]" u dan, hekk kif jirriżulta mit-tielet premessa tal-imsemmi regolament, sabiex "atti li huma ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-[Unjoni] jiġu ribattuti fl-oqsma kollha" (sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-2 ta' Marzu 2017, Glencore Céréales France, C-584/15, EU:C:2017:160, punt 23).

27 Billi adotta dan ir-regolament, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jistabbilixxi serje ta' prinċipji ġenerali billi jeħtieġ li r-regolamenti settorjali kollha josservaw dawn il-prinċipji (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Marzu 2008, Jager, C-420/06, EU:C:2008:152, punt 61, kif ukoll tat-28 ta' Ottubru 2010, SGS Belgium *et*, C-367/09, EU:C:2010:648, punt 37).

28 Barra minn hekk, bl-adozzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, il-leġiżlatur iddeċieda li jistabbilixxi regola ġenerali ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-qasam, li permezz tagħha kellu l-intenzjoni, minn naħa, li jiddefinixxi terminu minimu applikat fl-Istati Membri kollha u, min-naħa l-oħra, rinunzja għall-possibbiltà azzjoni kontra irregolarità li tippreġudika l-interessi tal-Unjoni wara li jkun skada terminu ta' erba' snin wara t-twettiq ta' din l-irregolarità (sentenzi tad-29 ta' Jannar 2009, Josef Vosding Schlacht-, Kühl- und Zerlegebetrieb *et*, C-278/07 sa C-280/07, EU:C:2009:38, punt 27, kif ukoll tat-22 ta' Diċembru 2010, Corman, C-131/10, EU:C:2010:825, punt 39).

29 Minn dan jirriżulta li, mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 2988/95, kull irregolarità li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni tista', fil-prinċipju, u bl-eċċezzjoni tas-setturi li għalihom il-leġiżlatur tal-Unjoni pprovda għal terminu iqsar, tkun suġġett ta' azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'terminu ta' erba' snin (sentenzi tad-29 ta' Jannar 2009, Josef Vosding Schlacht-, Kühl- und Zerlegebetrieb *et*, C-278/07 sa C-280/07, EU:C:2009:38, punt 28, kif ukoll tat-22 ta' Diċembru 2010, Corman, C-131/10, EU:C:2010:825, punt 40).

30 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 jistabbilixxi, fir-rigward ta' proċeduri legali, terminu ta' preskrizzjoni li jiddekorri minn meta ssir l-irregolarità li, skont l-Artikolu 1(2) ta' dan l-istess regolament, tkopri "kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi [tal-Unjoni] li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-budget ġenerali [tal-Unjoni]" (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Jannar 2009, Josef Vosding Schlacht-, Kühl- und Zerlegebetrieb *et*, C-278/07 sa C-280/07, EU:C:2009:38, punti 21 u 22, kif ukoll tat-22 ta' Diċembru 2010, Corman, C-131/10, EU:C:2010:825, punt 38).

31 Dan it-terminu għalhekk huwa applikabbli kemm għall-irregolaritajiet li huma s-suġġett ta' miżura amministrattiva intiża għall-irtirar tal-vantaġġ miksub indebitament, konformement mal-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, kif ukoll għall-irregolaritajiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' sanzjoni amministrattiva fis-sens tal-Artikolu 5 ta' dan (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-2 ta' Marzu 2017, Glencore Céréales France, C-584/15, EU:C:2017:160, punt 26).

32 Konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, it-terminu ta' preskrizzjoni għall-proċeduri għandu jkun ta' erba' snin minn meta titwettaq l-irregolarità. Konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament, fil-każ ta' irregolaritajiet repetuti, it-terminu ta' preskrizzjoni għandu jiddekorri mill-ġurnata li fiha ntemmet l-irregolarità.

33 Peress li t-twettiq tal-irregolarità jippresupponi l-issoddisfar ta' żewġ kundizzjonijiet, jiġifieri att jew omissjoni li jikkostitwixxu l-ksur tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll dannu għall-baġit tal-Unjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri, konsegwentment, mill-mument fejn kemm dan l-att jew din l-omissjoni li jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll id-dannu kkawżat lill-baġit ikunu seħħew, peress li l-punt ta' tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni jinsab dejjem, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-data ta' avveniment li jkun seħħ fl-aħħar lok (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Firma Ernst Kollmer Fleischimport und -export, C-59/14, EU:C:2015:660, punti 24 sa 26, u tat-2 ta' Marzu 2017, Glencore Céréales France, C-584/15, EU:C:2017:160, punt 47).

34 Ir-regola li tistabbilixxi l-preskrizzjoni ta' erba' snin, li tinsab fl-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, li hija direttament applikabbli fl-Istati Membri, tista' tiġi mwarrba minn leġiżlazzjoni settorjali, fis-sens tat-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament, biss meta din il-leġiżlazzjoni settorjali tipprevedi terminu iqsar, iżda mhux inferjuri għal tliet snin (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Jannar 2009, Josef Vosding Schlacht-, Kühl- und Zerlegebetrieb *et*, C-278/07 sa C-280/07, EU:C:2009:38, punt 44, kif ukoll tat-22 ta' Diċembru 2010, Corman, C-131/10, EU:C:2010:825, punt 42).

35 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li, sabiex tiġi ddeterminata l-portata ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm it-termini, il-kuntest kif ukoll l-għan tagħhom (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Firma Ernst Kollmer Fleischimport und -export, C-59/14, EU:C:2015:660, punt 22), li għandha tingħata risposta għad-domanda magħmula.

36 F'dan il-każ, għalkemm il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni inizjalment applikabbli fit-tilwima fil-kawża prinċipali, jiġifieri r-Regolament Nru 3887/92, ma kinitx tipprevedi dispożizzjonijiet partikolari fil-qasam ta' preskrizzjoni, l-abrogazzjoni ta' dan ir-regolament bir-Regolament Nru 2419/2001 tat lok għall-istabbiliment ta' regoli settorjali ta' preskrizzjoni.

37 Għalhekk, ċertament, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 49(5) tar-Regolament Nru 2419/2001 jirriżulta li, fir-rigward tal-benefiċjarju *in bona fide*, l-obbligu ta' rimbors f'każ ta' ħlas indebitu jiġi preskritt meta jiddekorri terminu ta' erba' snin bejn id-data tal-ħlas tal-għajnuna u l-ewwel notifika lill-benefiċjarju mill-awtorità kompetenti tan-natura indebita tal-ħlas rċevut.

38 Indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk din id-dispożizzjoni tikkostitwixxix leġiżlazzjoni settorjali derogatorja, fis-sens tat-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, huwa importanti li jiġi kkonstatat li din introduċiet semplifikazzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-punt ta' tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni kif kien previst f'dan l-Artikolu 3(1), sa fejn, minn naħa, dan it-terminu huwa kkalkolat mhux iktar mit-twettiq tal-irregolarità, iżda mid-data tal-ħlas, u li, min-naħa l-oħra, ma għadx hemm lok li ssir distinzjoni bejn l-irregolaritajiet, skont jekk għandhomx natura unika jew kontinwa.

39 Min-naħa l-oħra, il-formulazzjoni tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament Nru 2419/2001 ma tinkludi ebda indikazzjoni li tippermetti li tinstab l-eżistenza ta' tali semplifikazzjoni għad-determinazzjoni tal-punt ta' tluq tal-preskrizzjoni applikabbli għall-ammonti li għandhom jiġu rkuprati abbażi tal-applikazzjoni tat-tnaqqis u esklużjonijiet previsti fl-Artikolu 13 u fit-Titolu IV ta' dan ir-regolament.

40 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar jekk il-paragrafu 5 tal-Artikolu 49 tar-Regolament Nru 2419/2001 huwiex applikabbli għar-rimborsi kollha tal-ammonti indebiti, peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 6 ta' dan l-artikolu huwa limitat b'mod espress għar-rimbors li jikkostitwixxi sanzjonijiet amministrattivi, bħaċ-ċaħda totali jew parzjali ta' vantaġġ mogħti kif ukoll l-esklużjoni jew l-irtirar tal-benefiċċju ta' vantaġġ għal perijodu posterjuri.

41 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-pożizzjoni tal-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 49 tar-Regolament Nru 2419/2001, għandu jiġi kkunsidrat li l-paragrafu 6 ta' dan l-artikolu jikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola l-ġdida ta' kalkolu li tinsab fil-paragrafu 5 tal-imsemmi artikolu.

42 Konsegwentement, il-punt ta' tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin previst fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament Nru 2419/2001 għandu jiġi ddeterminat skont ir-regola bażi, jiġifieri dik li tinsab fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95.

43 Din il-konklużjoni hija konformi mhux biss mal-għan tar-Regolament Nru 2988/95, li huwa, kif tfakkar fil-punt 26 ta' din is-sentenza, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, iżda wkoll għal dak tar-Regolament Nru 2419/2001.

44 Fil-fatt, ir-Regolament Nru 2419/2001 huwa intiż għall-ġlieda kontra l-irregolaritajiet u l-frodi fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-diversi skemi ta' għajnuna li jaqgħu taħt is-sistema integrata, u dan bil-għan li jiġu protetti b'mod effettiv l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, dan ir-regolament jipprevedi tnaqqis u esklużjonijiet abbażi tal-gravità tal-irregolarità mwettqa fit-talba għal għajnuna u li tista' tmur sal-esklużjoni totali minn skema jew skemi ta' għajnuna għall-perijodu determinat (sentenza tat-2 ta' Ottubru 2014, Van Den Broeck, C-525/13, EU:C:2014:2254, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Dan huwa b'mod partikolari l-każ hawnhekk. Fil-fatt, sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan, l-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 3887/92, li abbażi tiegħu R. Westphal intalab jirrimborsa l-ħlas ikkontestat, u li l-kontenut tiegħu ġie riprodott, essenzjalment, fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament Nru 2419/2001, jipprovdi, fil-każ fejn is-superfiċji ddikjarata fit-talba għal għajnuna "superfiċji" taqbeż dik iddeterminata meta sar il-kontroll, sanzjonijiet li jikkonsistu fi tnaqqis jew esklużjonijiet mill-għajnuna tal-Unjoni, sanzjonijiet varjabbli skont il-gravità tal-irregolarità mwettqa (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2007, Kruck, C-192/06, EU:C:2007:579, punt 35).

46 Għalhekk, interpretazzjoni tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament Nru 2419/2001 li tagħti lir-rimborsi ta' għajnuna inkwantu atti li, min-natura illegali tagħhom, iwasslu għal sanzjonijiet, l-istess modalitajiet għall-kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni bħal dawk applikabbli għal atti li jagħtu lok biss għal sempliċi obbligu ta' restituzzjoni, ma tidhirx konformi mal-finalità ta' sistema ta' sanzjonijiet li hija biżżejjed dissważiva u effettiva sabiex tiġġieled kontra l-irregolaritajiet u l-frodi mwettqa fil-qasam tal-għajnuna "superfiċji" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2014, Van Den Broeck, C-525/13, EU:C:2014:2254, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 49(6) tar-Regolament Nru 2419/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-punt ta' tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni li huwa jipprevedi huwa ddeterminat skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, u jikkorrispondi, għall-irregolaritajiet kontinwi jew repetuti, għall-ġurnata meta tintemm l-irregolarità.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

48 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni u għat-tielet domanda.

Fuq l-ispejjeż

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2419/2001 tal-11 ta' Diċembru 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-amministrazzjoni integrata u s-sistema ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3508/92, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2004 tat-23 ta' Jannar 2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-punt ta' tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni li jipprovdi huwa ddeterminat skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, u jikkorrispondi, għall-irregolaritajiet kontinwi jew repetuti, għall-ġurnata meta tintemm l-irregolarità.

Firem